QALA

Ref Nru: 27

Il-minuti tas-sebgha u ghoxrin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 2 ta’ Lulju 2009, fis-2:00 ta’ wara nofs in-nhar, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Anthony Camilleri |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta’ talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tlieta u ghoxrin, ta’ l-erbgha u ghoxrin, tal-hamsa u ghoxrin u tas-sitta u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tlieta u ghoxrin, ta’ l-erbgha u ghoxrin, tal-hamsa u ghoxrin u tas-sitta u ghoxrin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 L-ahhar zviluppi dwar il-progett ta’ restawr tal-Fortizza ta’ Sant Antnin.**

3.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta’ restawr tal-Fortizza ta’ Sant Antnin ghadu ghaddej. Huwa semma li x-xoghol fuq in-naha ta’ barra kwazi lest u li issa ser jinghata bidu ghax-xoghol fuq gewwa.

**4 Rendikont tal-laqghat li l-Kunsill kellu mal-MEPA dwar il-barrieri tal-blat tal-qawwi limiti l-Qala u l-applikazzjonijiet ghal permess ta’ zvilupp f’Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02.**

4.1 Giet diskussa l-laqgha li l-Kunsill kellu ma’ l-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-barrieri tal-blat tal-qawwi limiti l-Qala. Din il-laqgha saret nhar l-4 ta’ Marzu 2009. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Franco Pisani u Dimitri Duca fl-Awtorita`

dwar il-punti li gew diskussi fil-laqgha msemmija. Giet diskussa wkoll il-laqgha li saret ma l-Awtorita` dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 nhar il-24 ta' Gunju 2009. Fost il-punti li gew diskussi kienu dwar it-tieni *Environmental Impact Statement* li hareg u li t-*timeframe* ta' meta l-Kunsill ghandu jibghat il-kummenti tieghu fuq dan l-EIS ghandha tkun ta' sitt xhur. Punti ohra li gew diskussi huma t-tip ta' *public hearing*, it-*traffic management* kif ukoll il-Kunsill staqsa jekk f'dawn is-sitt xhur il-Kunsill jiddecidi li jqabbad xi tip ta' konsulent iehor ghandux jinforma lil-Awtorita` b'dan, il-Kunsill gie nformat waqt il-laqgha li l-Awtorita` m'hemmx ghalfejn tigi informatha dwar dan. Il-Kunsill inghata kopja ta' l-EIS fuq CD. Giet trattata diversi korrispondenza dwar din il-materja li jinkludu ittri li saru bejn il-Kunsill Lokali u Michelle Piccinino fl-Awtorita` datati 25 ta' Marzu 2009, s-6 t'April 2009, s-7 t'April 2009 u l-15 t'April 2009, zewg ittri li l-Kunsill ircieva mill-Awtorita` datati 16 ta' Marzu 2009 u ittra mibghuta mill-Kunsill lil Jonathan Henwood fl-Awtorita` datata 24 ta' Marzu 2009 u ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Henwood bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

## 5 Tigdid/Riforma tal-Kunsilli Lokali – diskussjoni, suggerimenti u ideat

5.1 Is-Sindku semma li hargu l-proposti ghat-tigdid/riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddiskuta din ir-riforma.

## 6 Gemellagg bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala.

6.1 Gie diskuss li l-kuntatti bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala baqghu jsiru. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar ic-cerimonija ta' l-iffirmar tal-gemellagg bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala li saret nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2009. Giet trattata wkoll ittra li l-Kunsill ircieva mill-President-Fundatur Joe Xerri minn Xerri's Bocci Club dwar loghob li ser isir f'Marsaskala.

## 7 Laqgha ma Dr. Alan Deidun – Kandidat ghall-Parlament Ewropej.

7.1 Nhar l-Erghba 25 ta' Marzu 2009 il-Kunsill kellu laqgha ma Dr Alan Deidun – Kandidat li hareg ghall-Parlament Ewropej. Il-membri tal-Kunsill kollha kienu prezenti ghal din il-laqgha. Waqt din il-laqgha gew diskussi l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 03797/02 u PA 03798/02 kif ukoll l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp fil-wied tal-marga u fil-vicinanzi bin-numri 07697/06 u 04724/07. Dr Alan Deidun qal li jaqbel li jsir xi tip ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien fejn ghandha tittranga l-barriera ezistenti izda jrid ikun zvilupp *low density*. Huwa qal li l-bajja ta' Hondoq ir-Rummien izuruha hafna nies u l-kwalita ta' l-ilma bahar huwa tajjeb. Waqt din il-laqgha giet diskussa l-applikazzjoni gdida ghal permess ta' zvilupp 02448/08 estenzjoni ta' barrieri tal-blat tal-qawwi ezistenti sit f'Ta' Vardati, limiti l-Qala kif ukoll l-barrieri tal-blat tal-qawwi ezistenti sit f'Ta' Klement, limiti l-Qala.

QALA

## 8 Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet li gew organizzati ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala.

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li gew organizzati ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala li marru tajjeb hafna.

## 9 Devoluzzjoni ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima.

9.1 Is-Sindku semma li saret id-devoluzzjoni ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima. Gie trattat kopja tal-ftehim li gie ffirmat. Is-Sindku semma li l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri pprepara l-pjanti ghal bdil ta' uzu tal-bini minn ghassa tal-pulizija/ufficini tal-Kunsill ghal muzew folkloristiku u ntbghatet applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp lill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Lawrence Farrugia ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali datata 20 ta' Mejju 2009.

## 10 Hsarat fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien ikkagunat mill-maltemp - xoghlijiet ta' manutenzjoni li sar.

10.1 Is-Sindku semma li saru x-xoghlijiet ta' manutenzjoni fuq il-hsarat li gie kkagunat mill-maltemp fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien, mid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp u mill-Kunsill Lokali Qala. Giet trattata diversi korrispondenza li saret bejn il-Kunsill, l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta u d-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp datati 15, is-17, it-18 u s-26 ta' Mejju 2009.

## 11 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) ta' Triq it-30 t' Ottubru 1948.

11.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) ta' Triq it-30 t' Ottubru 1948. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-residenti ta' din it-triq fejn gew informati bix-xogholijiet li ser isiru kif ukoll giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma b'referenza QLC/WSC/1/2009.

## 12 Diskussjoni u approvazzjoni ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2009-2010.

12.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qassmet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopja ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) li hija ppreparat ghas-sena finanzjarja 2009-2010. Saret spejgazzjoni fid-dettal ta' kif gew mqassma l-flus f'dan il-*budget*. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2009-2010.

## 13 Diskussjoni u approvazzjoni tal-*Business Plan* 2009-2010 – 2011-2012.

13.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qassmet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2009-2010 sa 2011-2012. Saret

spejgazzjoni fuq ix-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Il-Kunsill iddiskuta dan. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

**14 Approvazzjoni tal-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2008-2009.**

14.1 Il-Kunsill studja l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2008-2009 li gew ippreparati mill-awdituri li ghamlu l-verifika lill-Kunsill ghas-sena finanzjarja 2008-2009. Wara dan il-Kunsill unanimament approva dawn il-*financial statements*. Il-Kunsill ircieva ittra mibghuta mill-awdituri Paul Giglio ta' Mazars Malta, fejn anness ma l-ittra bghat l-*management letter* bl-*audit findings* li sabu mill-verifika li huma ghamlu lill-Kunsill ghas-sena finanzjarja 2008-2009. Il-Kunsill kien ipprepara il-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2008-2009 ukoll.

**15 Patt tas-Sindki – informazzjoni.**

15.1 Il-Kunsill iddecida li l-Patt tas-Sindki ghandha tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**16 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjonijiet 313 u 323.**

16.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill issottomessa zewg applikazzjonijiet sabiex jinghata fondi mill-Unjoni Ewropea ghal *heritage trail* fil-lokalita` tal-Qala. Dawn l-applikazzjonijiet huma *European Agriculture Funds for Rural Development* bin-numru ta' l-applikazzjonijiet 313 u 323.

**17 Depozitu ta' €250 mill-kuntratturi ghal permess tal-ftuh tal-wicc tat-triq.**

17.1 Is-Sindku semma li diversi kuntratturi qed japplikaw ghal permess tal-ftuh tal-wicc tat-triq sabiex jigu mghoddija xi servizzi jew sabiex jsiru xi tiswijiet fuq xi servizzi. Huwa semma li wara li jsir ix-xoghol it-trinka mhux qed tigi maghluqa sewwa. Is-Sindku ssuggerixxa li x'hin ikun ser isir xoghol ta' dan it-tip ghandha jsir depozitu ta' €250 mill-kuntrattur lill-Kunsill. Meta x-xoghol jkun lest u l-Kunsill ikun sodisfatt biex xoghol li jkun sar, dan id-depozitu jinghata lura. Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment.

**18 Il-festa ta' San Guzepp Awwissu 2009 – preparamenti.**

18.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill bhas-soltu huwa resonsabbli mit-tindif waqt u wara li jsir il-festa ta' San Guzepp. Il-Kunsill ircieva ittra mis-Segretarju Jason Bonellu mill-Ghaqda Briju San Guzepp – Qala dwar attivita li ser jorganizzaw inkonnessjoni mal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata ghajnuna finanzjarja ghal xi spejjes ta' din l-attivita. Is-Sindku semma wkoll li l-Ghaqda Piroteknika San Guzepp Qala ser jorganizzaw attivita inkonnessjoni mal-festa wkoll u li l-Kunsill ser jiehu sehem fil-programm tal-Festa ta'

QALA

Radju Lehen il-Qala. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw l-ghajnuna finanzjarja mehtiega.

**19 Materji ohra.**

19.1 Is-Sindku ssuggerixxa li ghandha tigi mhallas l-assigurazzjoni ta' l-ivvjaggar tal-membri tal-Menhir Qala Folk Group li ser jaghmlu zjara fi Grecja. Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment.

19.2 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% u 6% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u lis-Skrivana Jennifer Theuma, rispettivament, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

19.3 Is-Sindku semma li s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u l-iskrivana Jennifer Theuma ghandhom xi granet mill-*vacation leave* tas-sena 2008 li ma giex mehud. Ghalhekk gie mitlub l-permess tal-Kunsill sabiex dawn il-granet jigu akkumulati ghal ma din is-sena, jigifieri ghas-sena 2009. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

19.4 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-kompetitizzjoni ta' l-isbah gallerija ghandha tkun parti mill-attivitajiet li jigu organizzati ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala.

19.5 Il-Kunsill issottomessa zewg applikazzjonijiet ghal fondi ta' l-*Urban Improvement* tal-MEPA. Applikazzjoni wahda ghal bdil ta' *merry go round* fi Gnien Magristrat Salvu Attard u l-applikazzjoni l-ohra fuq twahhil ta' PV System fi Gnien il-Familja. Gew mibghuta zewg ittri dwar dawn l-applikazzjonijiet mill-Kunsill lil Dr Elena Borg Costanzi fil-MEPA u lic-*Chairman* tal-MEPA b'referenzi QLC/MEPA/4/2009 u QLC/MEPA/7/2009 rispettivament.

19.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Inginier Charlie Camilleri tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma dwar ilmenti fuq trinek tad-drenagg li jinsabu fi Triq Wied Simar u Triq Cini ma Triq Wied Simar. Giet trattata diversi korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni fuq din il-materja datati 9 u t-12 ta' Frar 2009.

19.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur ta' l-Artijiet Albert V. Mamo fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, dwar bicca art li tinsab fi Triq iz-Zewwieqa jekk hiex tal-Gvern, *Joint Office* jew tal-privat.

19.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Giovanna Debono, dwar l-istat hazin li fih jinsabu Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella, parti minn Triq gdida fi Triq il-Mithna u parti minn Triq ta' Kassja.

19.9 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Euchar Vella ta' Karkanja Limited sabiex jitnehha terrapien li gie mormi minnu stess fi Triq Cini.

19.10 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lil Charles Saliba *District Manager* Gozo fl-Awtorita` dwar it-Trasport dwar diversi talbiet. Ir-referenza ta' l-ittri huma QLC/ADT/2/2009 u

QLC/ADT/4/2009. Gew mibghuta erba` ittri minn Charles Saliba bhala risposta ghall-ewwel ittra imsemmija.

19.11 Gie mibghut artiklu mill-Kunsill dwar apprezzament ta' Horace Mercieca li ntbghat lill-gazzetti lokali.

19.12 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil *Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* f'Belgium dwar talba sabiex isir l-ahhar pagament mill-Unjoni Ewropea ghas-spejjes taz-zjara ta' grupp folkloristiku Portugis fil-Qala ghall-*Qala International Folk Festival* 2008.

19.13 Gew mibghuta l-ittri ta' l-accettazzjoni mill-Kunsill lil Matthew Grima f'isem il-Qala St Joseph Football Club ghall-offerta ghal *Sub-lease* ta' *Clubhouse* u l-*area* ta' madwar fi Triq Imgarr, Qala, lil Emanuel Cutajar 182, Triq il-Wardija, Qala ghall-offerta ghas-Servizz ta' *Handyman*, Steve Vella, Alan Deidun u Lino Bianco ghall-offerta ghal Servizz ta' Konsultazzjoni u Pariri ghal revizzjoni tal-*Environmental Impact Assessment* fuq il-propost zvilupp f' Hondoq ir-Rummien PA 03797/02 u PA 03798/02 u materji relatati ma dan u lil Joseph Grech ta' 2 'Il-Mall', Triq Giorgio Borg Olivier, Rabat ghall-offerta ghas-Servizz Professjonali ta' Avukat.

19.14 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-MEPA. Wahda dwar applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 01786/09 u l-ohra dwar zewg *antennas* tal-*mobiles* li twahhlu fuq postijiet fil-lokalita' tal-Qala u li jidher li ma kien hemm ebda applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp.

19.15 Gew mibghuta tlett ittri mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-MEPA dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 07810/06, datati 18 ta' Marzu 2009, is-26 ta' Mejju 2009 u s-27 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill ircieva ittra mill-MEPA datata 10 ta' Marzu 2009. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Dr Hugh Peralta u Dr Noella Azzopardi Grima mill-Hugh Peralta & Associates dwar din l-applikazzjoni. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Hugh Peralta & Associates b'referenza ghall-ittra taghhom. Il-Kunsill ircieva ittra minghand dawn l-istess avukati bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

19.16 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur ta' l-Artijiet Albert V. Mamo tad-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn gie nformat bl-ghazla li ghamel il-Kunsill ghall-offerta ghas-*Sub-lease* tal-*Clubhouse* u l-*area* ta' madwar fi Triq l-Imgarr, Qala u sabiex il-Kunsill jinghata l-permessi mehtiega minn naha tad-Dipartiment ghal dan is-*sub-lease*. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet Albert V. Mamo bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill. Giet trattata kopja ta' l-ittra li Lawrence Farrugia Assistant Direttur tad-Devoluzzjoni fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bghat lil Monique Azzopardi Segretarja tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

19.17 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Segretarju Mark Bonello tal-Qala St Joseph Football Club, dwar il-kuntratt li gie ffirmat fit-23 ta' Frar 2009 bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Qala St Joseph Football Club. Anness ma din l-ittra nbghat kopja ta' dan il-kuntratt.

QALA

19.18 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Paul Giglio ta' Attard Giglio & Co bhala risposta ghal *management letter* bl-*audit findings* li sabu mill-verifika li huma ghamlu lill-Kunsill ghas-sena finanzjarja 2007-2008.

19.19 Gew mibghuta tlett ittri mill-Kunsill b'referenzi QLC/ADT/1/2009, QLC/ADT/3/2009 u QLC/ADT/5/2009 lil Perit David Vassallo fl-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta dwar l-gheluq mit-traffiku ta' Pjazza San Guzepp matul ix-xhur tas-sajf f'certu hinjiet. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-Perit Vassallo dwar din il-materja.

19.20 Giet trattata kopja ta' ittra li l-Perit Ruben Paul Borg li gie mqabbad mill-Kunsill bghat lil Perit David Vassallo ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta dwar l-arrangament tat-traffiku fi Pjazza San Guzepp u t-toroq ta' madwar.

19.21 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Peter Mamo *Operations Manager* fid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta` dwar art fi Triq in-Nadur, Qala. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Peter Mamo datata 11 ta' Marzu 2009 dwar din il-materja.

19.22 Is-Sindku semma li tal-*Go plc* irridu iwahhlu xi kaxxa fuq il-bankina fejn Gnien Magistrat Salvu Attard fi Triq it-30 t'Ottubru 1948. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

19.23 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mit-18 t' Ottubru 2008 sat-2 ta' Lulju 2009, minn referenza numru 126/08 sa referenza numru 163/08 u minn referenza numru 01/09 referenza numru 106/09.

## 20 Korrispondenza.

20.1 Gew trattati ittri, *memos*, rapporti, notifiki t'avviz, applikazzjonijiet u rapporti tad-decizjonijiet li gejjien:

20.2 Ittra minghand Giorgiana Mallia Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni Skema *Energy Saving*, fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata €10,000 f'ghajuna finanzjarja ghall-progett li l-Kunsill applika taht din l-iskema.

20.3 Ittra minghand Giorgiana Mallia Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni Skema Attivitajiet Kulturali, fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata €4,500 f'ghajuna finanzjarja ghall-*Qala International Folk Festival 2009*.

20.4 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari tas-Segretarjat Parlamentari ghal Djalogu Pubbliku u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said datata 20 ta' Frar 2009, dwar il-Kampanja SWITCH.

20.5 Ittra mibghuta minn Alexia Maria Sultana mis-Segretarjat Parlamentari ghal Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, fejn semmiet li s-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said qed jistiedin lill-Kunsill ghal laqgha mieghu nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2009. Il-Kunsill accetta din l-istedina.

20.6 Zewg ittri u zewg *memo's* mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Natalino Attard. Ittra dwar *memo* 14/2009 dwar Konsultazzjoni ghat-Tfassil ta' *Policy* dwar *Open Storage*, ittra ohra dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja 2009-2010, *memo* 6/2009 dwar Kisi ta' Toroq u *memo* 35/2009 dwar www.lc.gov.mt. Il-Kunsill bghat risposta ghall-ittra dwar *memo* 14/2009 u ghal *memo* 6/2009.

20.7 *Memo* 02/2009 mibghuta minn James Catania Assistant Direttur ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Kunsilliera Responsabbli mill-Progetti Sostenibbli fil-Lokalita`.

20.8 Ittra mibghuta minn Lawrence Farrugia Assistant Direttur (Devoluzzjoni) tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat in-numru ta' kotba li gew mislufa mill-librerija pubblika tieghu fis-sena 2008. Il-Kunsill bghat risposta ghal din l-ittra.

20.9 Hames *memo's* mibghuta minn Silvio Frendo ghad-Direttur tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali. *Memo* 18/2009 dwar servizzi mghotija mill-Kunsilli Lokali, *memo* 21/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 7442, *memo* 22/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 7440, *memo* 23/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 7443 u *memo* 29/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 8101. Il-Kunsill bghat ir-risposti ghal dawn il-*memo's*.

20.10 *Memo* 15/2009 mibghuta minn Pio Farrugia ghad-Direttur tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

20.11 Giet trattata kopja ta' ittra li Sammy Rapa ID 5270G indirizza lil Manager ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Ghawdex, dwar talba sabiex jinghata *parking bay reserved* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien peress li ghandu *mobile kiosk* tal-gelat. Din l-ittra giet irreferita mill-Kunsill lil Charles Saliba Manager ADT Ghawdex. Il-Kunsill ghamel in-*no objection* tieghu ghal dan fuq pjanta.

20.12 Ittra mibghuta minn Astrid Vella Coordinator Flimkien ghal Ambjent Ahjar fejn is-Sindku gie mistieden ghal *presentation* li ser issir nhar it-Tnejn 20 t' April 2009 ta' *Detailed Project Brief* ghal *Hostel Project* f'Hondoq ir-Rummien.

20.13 Ittra mibghuta minn Go Business dwar Go – *Local Councils proposal for collaboration*.

20.14 Ittra mibghuta minn Catherine Pace numru ta' identita 15466A, fejn talbiet il-permess tal-Kunsill sabiex titpogga monument tal-gebel fil-bajja ta' Zriezaq ghal Helen Salomone Reynaud li mietet f'Marzu ta' din is-sena, peress li meta kienet ghada hajja kienet thobb hafna din il-bajja.

20.15 Ittra mibghuta minn Elaine Zammit Haber minn Galea Curmi Engineering Services Limited, dwar it-talbiet li ghamel il-Kunsill sabiex jitwahhlu bozoz tat-triq godda, wahda fi Triq il-Kuncizzjoni bin-numru ta' applikazzjoni PR25 09 u l-ohra fi Triq Beata Adeodata Pisani bin-numru ta' l-applikazzjoni PR26 09.

20.16 Ittra mibghuta minn Elaine Zammit Haber minn Galea Curmi Engineering Services Limited, dwar kwotazzjoni ghal numri tal-bozoz tat-triq li m'ghandhomx jidhru fuq il-bozzoz.

20.17 Ittra mibghuta minn Joseph Scerri li joqghod 11, 'Sea Bliss', Triq Ganni Vella, Qala fejn talab lil Kunsill ghajnuna finanzjarja sabiex jinxtara *Special Buggy* ghat-tifel tieghu b'disabilita`. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata ghajnuna finanzjarja ta' €500.

20.18 Ittra mibghuta minn Prof. Robert Ghirlando *Dean of Faculty* fil-Universita ta' Malta, dwar *Engineering Students Exhibition 2009.*

20.19 Zewg ittri mibghuta minn Betty Berry *Centre Manager u PRO Gozo SPCA*, datati 10 u s-17 ta' Dicembru 2008 dwar *Gozo SPCA/Blue Cross Owned Animals Neutering Project*.

20.20 Zewg ittri mibghuta minn Mario Spiteri ghad-Direttur ta' l-Artijiet u ghal Kumissarju ta' l-Artijiet mid-Dipartiment ta' l-Artijiet datati 16 ta' Dicembru 2008 u s-19 ta' Mejju 2009, dwar abbozz ta' ftehim dwar id-devoluzzjoni ta' sit fi Triq l-Imgarr, Qala.

20.21 Ittra mibghuta minn Stefan Scotto *Senior Architect and Civil Engineer* mid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta` dwar il-permess ta' l-mwejjed u siggijiet f'Hondoq ir-Rummien Qala. Il-Kunsill bghat ittra lil Stefan Scotto bhala risposta ghall-ittra tieghu.

20.22 Ittra mibghuta minn Dr Stefan Buontempo Kelliem Ewlieni Laburista ghall-Gvern Lokali, dwar it-tigdid tal-Kunsilli Lokali.

20.23 Ittra mibghuta minn Dr Carol John Jaccarini li joqghod 'Dovedale', *Garden Crescent, The Gardens* St Julians, dwar ktejjeb fuq il-giren t'Ghawdex.

20.24 Ittra datata 9 ta' Jannar 2009 mibghuta minn Dr Joe Doublet offerent ta' l-offerta ghal Servizz ta' Konsultazzjoni u Pariri ghal revizzjoni tal-*Environmental Impact Assessment* fuq il-propost zvilupp f' Hondoq ir-Rummien PA 03797/02 u PA 03798/02 u materji relatati ma dan. Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill datati 14 ta' Jannar 2009 u s-27 ta' Frar 2009 bhala risposta ghall-ittra tieghu.

20.25 Ittra mibghuta minn Marisa De' Lorenzo minn *Tourism & Sustainable Development Unit*, dwar *Enterprise Grant Scheme Summary*. Il-Kunsill ha sehem f'din l-iskema.

20.26 Ittra mibghuta minn Cynthia Ehrlich Attache ghal *Press* u *Cultural Affairs* mill-Ambaxxata ta' l-Amerika f'Malta dwar *annual community outreach programme.*

20.27 Ittra mibghuta minn Chev. Frank Gatt Gozo College Principal, dwar *sponsorship* ghal ktieb tal-P.S.D. bl-isem 'Is-Sigra tal-Hajja.'

20.28 Hames rapporti mibghuta minn Charles Bonnici *Senior Principal Environmental Health Officer* ghad-Direttur *Environmental Health* mill-*Environment Health Risk Management Zone A* fid-Dipartiment ta' l-*Environmental Health*, dwar testijiet ta' l-ilma tal-bahar li saru mit-18 sa l-24 ta' Mejju 2009, mill-25 sal-31 ta' Mejju 2009, mill-1 sas-7 ta' Gunju 2009, mit-8 sa 1-14 ta' Gunju 2009 u mill-15 sal-21 ta' Gunju 2009.

20.29 Ittra mibghuta minn Ing. Ray Piscopo *Director Corporate Services* mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar *statement of funds* sa l-ahhar t' April 2009.

20.30 Ittra mibghuta mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 7 t'April 2009, dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 05829/08.

20.31 Seba` notifiki t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard/Gordon Grech ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00120/09, ECF 00405/09, ECF 00443/09, ECF 00504/09, ECF 00526/09, ECF 00527/09 u ECF 00528/09, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

20.32 Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numri 06440/07, 02340/08, 00486/09, 05879/08, 00548/09, 00837/09, 00952/09, 01614/09, 01473/09, 01474/09, 00151/09, 01472/09, 01615/09, 01786/09, 01616/09, 02320/09, 02397/09 u 04616/08. L-applikazzjonijiet bin-numri 06440/07, 02340/08, 00151/09 u 04616/08 huma *re-issued*. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija.

20.33 Rapporti tad-decizjonijiet tal-laqghat tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saru nhar l-24 ta' Frar 2009, l-10 is-17, l-24 ta' Marzu 2009, is-7, l-15 u t-28 t' April 2009, il-5, it-12, it-13, l-20 u s-26 ta' Mejju 2009, id-9, l-10, is-16, it-23 u t-30 ta' Gunju 2009.

Il-laqgha ntemmet fis-6:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2009.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |